MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 55– 4 Leġislatura**

**Il-Erbgħa 24 ta'Ġunju 2026**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Zejtun | Is-Sinjura Joan Agius |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Ħamrun | Dr Antoine Vassallo |
| Kunsillier Ħal-Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |
| Kunsillier Gudja | Is-Sinjur Andrew Dalli |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Kapt Charmaine St John, Sindku Mario Calleja u Sindku Scott Camilleri

ASSENTI

Sindku Gianluca Falzon u Sindku Luke Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

55.1.1 Il-President informa li Sindku Kapt Charmaine St John, , Sindku Mario Calleja u Sindku Scott Camilleri informaw li minħabba impenji oħra ma setgħux jattendu.

**55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 54**

55.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' erbgħa u ħamsin (54) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa.

55.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Sindku Karl Boxall , il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

55.2.3 Il-President qal li xogħol fuq il-binja amministrattiva għaddej tajjeb u fl-10 ta'Ġunju ngħata l-ewwel saqaf. Il-ħsieb huwa li binja tinfetaħ f' Frar 2027 jekk ix-xogħol jibqa' għaddej bl-istess ritmu. Hemm il-ħsieb

55.2.4 Il-President informa li qed jidħlu diversi l-ilmenti fuq l-iskart min lokalitajiet differenti. Huwa tenna li dawn l-ilmenti ġew ikkomunikati lil kuntrattur. Minn naħa tiegħu il-kuntrattur qal li kien hemm xi ġranet li kellu nuqqas ta' staff għalhekk kien hemm dewmien fil-ġbir. Il-fatt li huwa sajf l-iskart jiżdied b'mod sostanzjali peress li tiżdied il-popolazzjoni. Madankollu ir-Reġjun ser ikompli jisħaq sabiex is-servizz ikun effiċjenti. Il-President kompla billi qal li importanti li l-ilmenti ikunu ikkomunikat b' ritratt u indikazzjoni tajba tal-post min naħa tal-kunsill. Huwa ta' eżempju li meta jkun hemm din it-tip ta' kommunikazzjoni l-ilmenti jiġi indirizzat malajr.

**55.3 Komunikazzjoni mill-President;**

55.3.1 Il-President informa li ser jiġu organizzati numru ta' attivitajiet madwar ir-Reġjun Sibt 3 ta' Ottubru 2026 ser issir Treasure Hunt li hija l-attività mill-proġett Hena. It-tluq ta' Treasure Hunt ser ikun minfejn it-Tribuna Ħal-Qormi, Sibt wara nofsinhar kif jispiċċa monti. F'3 ta' Novembru 2026 ser issir il-ftuħ tal-futbol tournament kif ukoll ta' l-karattru edukattiv skart riċiklat. Is-Sibt f'14 ta'Novembru ser issir il-futbol tournament f' madwar għaxar futbol grawnds madwar ir-Regjun. Huwa kompli billi qal li importanti li Sindku jew kunsillier responsabbli mil=l-isports ikunu preżenti fil-grawds tal-lokalita tagħhom.

55.3.2 l-President informa li r-Reġjun irċieva komunikat mingħand il-Marsa Horseracing Club fejn informaw li żiemel li kien rebaħ it-tiġrija f'telieqa ta' nofsinhar irriżulta pożittiv għal doping. Għalhekk, it-trophy u l-shield se jingħataw liż-żiemel li ġie t-tieni u li kien qed jirrappreżenta lill-Lokalità ta' Ħal Għaxaq. Huwa u l-membri preżenti tennew li dan kien inċident sfortunat u kundannabbli.

55.3.3 Il-President fakkar li Reġjun kien daħħal f' koperazzjoni f' proġett sabiex tiġi studjati il-kwalità ta' arja f'lokalitajiet madwar ir-Reġjun. Il-proġett LURM -4-Trap Project huwa proġett pilota u qed issir mil-kumpanija *ECOstack Innovations*. Il-lokalitajiet fejn qed jiġi propost li jitwaħħlu sensors huwa il-Marsa viċin il-Kunsill, il-Hamrun f'zona kummerċjali, Ħal-Luqa viċin l-ajruport, Ħal-Qormi f'zona industrijali, B'Buġia viċin il-freeport, Santa Luċija fil-Ġnien is-Serenita u Zejtun/ Santa Luċija f'Triq tal-Barrani. Dan il-proġett qed jieħu ħsiebu il-Maniġer responsabbli mill ambjent

55.3.4 Il-President qal li Maniġers responsabbli mill -Kultura u maniġġjar ta' l-iskart qed jaħdmu fuq Il-programm Kings Trust International – Achieve. Dan il- programm jiffoka fuq l-istudenti, maħdum biex isaħħaħ l-iżvilupp personali, il-ħiliet, u t-tħejjija għall-edukazzjoni jew ix-xogħol fil-futur. Dan joffri appoġġ lill-istudenti permezz ta' attivitajiet prattiċi u bażati fuq proġetti li jibnu l-kunfidenza, ix-xogħol f'tim, tmexxija , u ħiliet prattiċi għall-ħajja. Dan jinkludi ukoll ippjanar tal-karriera, il-kompetenza diġitali, maniġġjar tal-finanzjarji u l-benesseri.

Il-programm jikkumplimenta suġġetti vokazzjonali u joffri mod ta' tagħlim flessibbli bi kwalifiki rikonoxxuti tal-MQF Livell 1 sa 3, li jiġu vvalutati permezz ta' li jinbena portafoll kontinwu minflok eżamijiet, u jħeġġu parteċipazzjoni attiva u esperjenzi ta' tagħlim reali.

KTI Achieve bħalissa qed jiġi mwassal f'61 skola, inklużi diversi fl-zona ta' Reġjun Nofsinhar

- St Ignatius College Middle School (ages 11–13): approx. 20 student
- St Ignatius College Secondary School (ages 13–16): approx. 20–30 studenti
- St Thomas More College, Żejtun (Middle & Secondary, eta 11–16): approx. 30–35 studenti
- St Thomas More College, St Lucia (Secondary, eta 11–16): approx. 30 studenti
- San Ġorġ Preca College Secondary School (eta 13–16): approx. 20–30 studenti

55.3.4.1 Il- Is-Sindki u Delegati qablu mal-parteċipazzjoni f'dan il-proġett

55.3.5 Il-President informa li peress li wieħed mill-ħaddiema tal-manutenzjoni kien qed biex jirtira ser issir talba lil Ser niktbu RSSL Ltd sabiex jiġi ħaddiem ġdid.

55.3.5.1 Il- Is-Sindki u Delegati qablu mal-proposta

55.3.6 Il-President informa f'dawl ta' l-iskema SPI/SCI/05/2026 - FINANZJAMENT – KOMUNITAJIET AKTAR B'SAĦĦITHOM U TA' KWALITÀ ir-Reġjun talb lil Kunsill Lokali ta' Ħal-Luqa sabiex jissottometti applikazzjoni f'isem Reġjun Nofsinhar sabiex permezz ta' din l-iskema tiġi koperta l-spiża tal-lift fil binja amministrattiva. Il-Kunsill ta' Ħal-Luqa aċċetta din il-proposta.

55.3.6.1 Il- Is-Sindki u Delegati qablu mal-proposta u irringrazzja lil Kunsill ta' Ħal Luqa.

## 55.4 Skeda ta' Pagamenti

55.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 06/26A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Elke Sghendo u sekondat mill-Kunsillier Andrew Dalli il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 55.5 Rapporti

### 55.5.1 Management Letter 2026- Risposta

Il-President stieden li Segretarju Eżekuttiv sabiex taqra ir-risposta tal-*Management Letter* 2026 li kienet ntbagħtet mill NAO. Ir-risposta iffokat fuq il fehma ta' l-awdituri taw lok għal *qualified opinion* f'termini ta' awditjar fuq sistema ta' Loqus li għandha x'taqsam mal-kontravenzjonijiet ta' LESA. Il-Kunsill Reġjonali sostna li Reġjun ma kellux kontroll fuq tmexxija ta' Loqus għaliex deċiżjoni kellha tiġi min entita oħra. L-awdituri ħadu nota li Segretarju Ezekuttiv pruvat tikseb l-informazzjoni mingħand din l-entita iżda ma qatt ma ntbagħtet risposta min naħa tagħhom. Segretarju Eżekuttiv kompliet taqra il-punti oħra li rimarkaw fuqhom l-awdituri fejn ġie nnotat diversi kummenti pożittivi li l-Amministrattiv kien ħa azzjoni fuqhom. President irringrazzja Segretarju Eżekuttiv.

55.5.1.1 Is-Sindki u Delegati preżenti approvaw ir-risposta tiġi mibgħuta lil NAO kif preżentata

**55.6 Item: Tender Servizz ta' Perit**

Il-President informa li tender għal servizz ta' Perit kien għalaq għalhekk qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jerġa jinħareġ. Huwa tenna li peress li Reġjun huwa skedat taħt Schedule 16 skont ir-reġoli ta' xiri pubbliku, is-servizz tal-Perit huwa għal bżonnijiet ta' Reġjun biss. Il-baġit allokat għal dan it-tender huwa ta' 10, 000 excl Vat

55.6.1 Is-Sindki u Delegati preżenti approvaw li tinħareġ sejħa għas-servizz ta' Perit

**55.7 Item: Tender Servizz Data Protection Officer**

Il-President informa li tender għal servizz ta' DPO se jagħlaq għalhekk qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jerġa jinħareġ. Huwa tenna li peress li Reġjun huwa skedat taħt Schedule 16 skont ir-reġoli ta' xiri pubbliku, is-servizz tal-Perit huwa għal bżonnijiet ta' Reġjun biss. Il-baġit allokat għal dan it-tender huwa ta' 10, 000 excl Vat.

55.7.1 Is-Sindki u Delegati preżenti approvaw li tinħareġ sejħa għas-servizz ta' DPO

**55.8 Item: Tender Servizz ta'Accountant**

Il-President informa li tender għal servizz ta' Accountant wasal biex jagħlaq għalhekk qed jitlob approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jerġa jinħareġ. Il-baġit allokat għal dan it-tender huwa ta' 10, 000 excl Vat

55.8.1 Is-Sindki u Delegati preżenti approvaw li tinħareġ sejħa għas-servizz ta'Accountant

**55.9 Item; Data Laqgħa Annwali 2026**

Il-President qal li qed jipproponi li laqgħa annwali 2026 issir il-Ġimgħa f'16 ta' Ottubru 2026 ġewwa sala ta' Ċentru ta' San Bastjan.

55.9.1 Is-Sindki u Delegati preżenti qablu ma' il-proposta.

**55.10 Affarijiet Oħra**

Il-President informa li Reġjun ser jorganizza attività networking għal istaff ta' Reġjun is-Sindki, Delegati u Segretarji Eżekuttivi. Iktar informazzjoni dwar l-attività ser tintbagħat b'imejl.

**55.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

55.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 28 ta'Lulju 2026.

Konfermati llum it-Tlieta 28 ta'Lulju 2026_________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv